"Jitriegħed iva imma jaqa' le. Mibni tajjeb!"

Imbagħad l-irwiefen bdew jisktu. Imbeżża' ħarist lejn il-kastell. Kien għadu hemm sabiħ daqs qabel.

U fraħt. It-tafal erġajt insejtu u int u l-kastell sirtu kollox għalija. Imbagħad, "Inkomplu," għedtli.

"Inkomplu?"

"Nibnu ieħor."

"Iva. U did-darba ngħinek."

Bdejna. Kellna f'moħħna kastell isbaħ minn ta' qablu. Ħdimna lejl u nhar. It-tafal insejtu għal kollox. Ħdimna bla serħan. U ġebla fuq ġebla l-kastell beda tiela'.

"Dalwaqt ikun lest. Kemm se jkun sabiħ," għedtelk.

"Iva," tweġibtek kienet xotta.

"X'ġara?"

"Xejn, għajjejt."

"Nistrieħu."

U morna nistrieħu għad-dell tal-kastell nofsu mibni. Int irqadt mill-ewwel. Jien bqajt naħseb u nħares lejn il-kastelli tagħna. Ma ridtx norqod u ninsa l-kastell. Ftit ieħor u jkun lest. Imbagħad nistrieħu għal dejjem.

Kien qed jaqa' d-dlam u r-reżħa. Fid-dlam il-kastelli kienu jidhru isbaħ. F'daqqa waħda int qomt bil-wieqfa u tlaqt tiġri. Jien iċċassajt inħares lejk. Ma stajtx nifhem x'kont se tagħmel. Imbagħad fhimt. Ċaqlieqa waħda ta' drieghek u l-kastelli għebu. Baqa' biss ftit ġebel. Jien bqajt fejn kont inħares lejk tiġri u titbiegħed. "Għaliex?" staqsejtek.

"It-tafal...," leħnek instama' mill-bogħod, u l-eku warajk, "It-tafal, it-tafal, fal."

Bqajt hemm waħdi nħares lejn il-kastelli mwaqqgħa. Lilek ma stajtx narak aktar. Tajt l-aħħar ħarsa lejn ir-rovini u tbegħidt minn hemm, bla ma kont naf fejn sejra. Iżda d-dehra tal-kastelli mwaqqgħa għadha f'moħħi sa llum.

# Ieqaf Ħija

ta' ĠUŻE' DIACONO

Ieqaf, ħija!
Smajtni? Ieqaf ftit!
Waqt wieħed biss neħtieġ minn ħajtek —
u int ma ttiħulix?

Ieqaf f'dik il-ġirja mitlufa,
f'dik il-ġirja għotort jien.

Ismagħni, agħdirni,
ieqaf,
wiżinni b'idek, b'qalbek ukoll,
kemm fuq saqajja nqum mill-ġdid —
għax jien għotort —
kemm terġa' qalbi taqbad tħabbat.
imkebbsa b'nifsejn li qalbek trodd.

Ieqaf! stenna! ............
...................................

Ieqaf! ................
...................................

Għaliex ma tiqafx?
Għaliex ma tħarisx?
Għaliex tibqa' sejjer?
Ma tafx li fuq salibi
mieghi msallab int?

X'saħta, hija, hi din,
li la nifhmu u anqas nagħdru 'l xulxin —
hekk qrib u b'dal-bogħod kollu mifrudin!

Kif nagħmel inwaqqfek?
Kif infiehmek?
Insieħlek bid-dehen ta' qalbi,
u l-ħsus ta' moħħi —
innebbħek li bħali int mitmum
dlonk jidlamlek nharek.
u lejlek ma jidwal qatt —
bħali.
il-mewt tgħix f'ħajtek.
u ħajtek tmut — kuljum